MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## S.T.O. PRIM IMHALLEF

## SILVIO CAMILLERI

## ONOR. IMHALLEF

## TONIO MALLIA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 1665/1999/1

**Emanuel Hayman u martu Monica Hayman**

**v.**

**Mary Caruana u zewgha Alfred, Emanuela Psaila**

**u zewgha Andrew, William Hayman u martu Josephine, Josephine Ciantar u zewgha Alfred, Doris Hayman,**

**u Angela Montebello u zewgha Paul**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fid-19 ta’ Lulju 1999, li jaqra hekk:

> “Peress illi fl-24 ta’ Novembru 1997 il-mejta Maria Carmela Hayman ghamlet testment fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino u bih wara li hassret it-testmenti taghha precedenti innominat lill-konvenuti bhala eredi universali taghha.
>
> “Peress illi dan it-testment sar taht pressjoni u kienet vizzjata fil-kunsens u ma jirrapprentax l-ahhar volonta` tal-imsemmija Maria Carmela Hayman tal-imsemmija Maria Carmela Hayman;
>
> “Peress li l-attur kien jibbenifika mit-testmenti precedenti tal-istess Maria Carmela Hayman.
>
> “Jghidu il-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:
>
> “Tiddikjara u tiddeciedi illi t-testment tal-24 ta’ Novembru 1997 fl-atti tan-Nutar Paul Pullicino huwa null u minghajr effett in kwantu l-kunsens ghalih kien vizzjat;
>
> “Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta’ April 1999 kontra l-konvenuti u jibqghu mharrkin ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Alfred Caruana, Andrew Psaila, Josephine Hayman, Alfred Ciantar u Paul Montebello fit-23 ta' Dicembru, 1999, li biha laqghu ghall-azzjoni attrici billi, preliminarjament, qalu li jmisshom jinhelsu milli jibqghu fil-kawza bi spejjez ghall-atturi ghaliex huma m'humiex il-kontradditturi legittimi tal-azzjoni attrici u m'ghandhomx *locus standi* fil-kawza ladarba m'humiex il-werrieta tal-persuna moqdija. Preliminarjament ukoll, laqghu billi qalu li l-attrici wkoll m'ghandhiex postha fil-kawza, u ghandha ccediha safejn jirrigwarda lilha qabel ma l-kawza tista' tkompli miexja 'l quddiem. Fil-mertu laqghu billi qalu li t-testment jiswa ghaliex ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-kunsens tat-testatrici hi u taghmlu;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Mary Caruana, Emanuela Psaila, William Hayman, Josephine Ciantar, Doris Hayman u Angela Montebello fit-23 ta' Dicembru, 1999, li biha laqghu ghall-azzjoni attrici billi, preliminarjament, qalu li l-attrici m'ghandhiex postha fil-kawza, u ghandha ccediha safejn jirrigwarda lilha qabel ma l-kawza tista' tkompli miexja 'l quddiem. Fil-mertu, laqghu billi qalu li t-testment jiswa ghaliex ma kien hemm l-ebda nuqqas fil-kunsens tat-testatrici hi u taghmlu;

Rat il verbali komprizi t-traskrizzjonijiet tad deposizzjonijiet;

Rat is sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat 8 ta' Jannar 2001 li permezz taghha giet akkolta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti Alfred Caruana, Andrew Psaila, Josephine Hayman, Alfred Ciantar u Paul Montebello li ma kellhomx 'locus standi' fil-kawza u allura helsithom mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra l-atturi;

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili moghtija fis-6 ta' April 2011 li permezz taghha il-Qorti laqghet l-eccezzjonjiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom.

Il-Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet;

> "Illi l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża juru li omm l-attur, Maria Carmela Hayman, armla minn William, mietet fis-17 ta' Jannar tal-1998 meta kellha ħamsa u tmenin (85) sena[1]. Dak iż-żmien kienet toqgħod fid-Dar tax-xjuħ San Vinċenz de Paule fejn kienet iddaħħlet wara li saritilha operazzjoni fi sptar f'Ottubru tal-1997. Fl-24 ta' Novembru, 1997[2], hija għamlet testment li bih ħassret kull testment ieħor li hija kienet għamlet qabel u ħatret lis-sebgħa wliedha bħala werrieta universali meħlusa mill-obbligu tal-kollazzjoni. Mat-testment, li sar fir-Residenza msemmija, nhemeż ċertifikat mediku maħruġ minn psikjatra[3] li twassal hemm minn wieħed minn uliedha u raha f'dik id-Dar dak inhar li sar it-testment[4]. Fl-imsemmi testment, l-attur huma msejjaħ bl-isem ta' "Wallace", li kien l-isem li hu kien magħruf bih mill-familja tiegħu tul iż-żmien biex jitfakkar iben ieħor li kellu l-istess isem u li kien miet qabel ma twieled l-attur;

[1] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[2] Dok "B", f'paġġ. 6 – 7 tal-proċess
[3] Dok f'paġ. 8 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Dr. Peter Muscat 26.2.2002, f'paġġ. 124 – 5 tal-atti tal-kawża 1664/99JRM

"Illi l-imsemmija Maria Carmela Hayman kienet romlot f'Awissu tal-1986. Il-wirt ta' żewġha kien regolat b'testment *unica charta* tal-20 ta' Ġunju, 1983, fl-atti tan-Nutar George Cassar;

"Illi wara xi żmien li marret tgħix ma' bintha Josephine Ċiantar[5], kienet marret toqgħod fid-dar mal-atturi u l-familja tagħhom fil-Fgura. F'Ottubru tal-1990[6], hija għamlet testment aġġuntiv li bih ħalliet lill-attur b'titolu ta' legat sehemha minn għalqa li tinsab fi Triq Ħaż-Żabbar, fil-Fgura. Mill-bqija ikkonfermat l-imsemmi testment *unica charta*. Hija reġgħet għamlet testement ieħor aġġuntiv fl-1 ta' Mejju, 1995[7], u li bih ħalliet legat ieħor, din id-darba f'parti minnu "*di cosa altrui*", favur l-attur binha (bis-sostituzzjoni favur uliedu jekk kemm-il darba jmut qabilha) ta' xi "komoditajiet" immobbli fl-istess inħawi fil-Fgura, filwaqt li ikkonfermat iż-żewġ testmenti li kienet għamlet qabel;

"Illi Carmela Hayman damet toqgħod mal-atturi u wliedhom xi ħdax-il sena, sa nofs l-1997, wara li waqgħet u kisret riġilha l-lemini u żlugat il-ġog ta' qaddha u ma kenitx tista' tinżel aktar mis-sodda[8]. Sa Jannar kienet għadha tiekol mill-ikel li jipprovdilha l-isptar u ikel ieħor li kienu joħdulha qrabatha u titkellem u tagħraf lil min imur jaraha[9]. Imbagħad saħħitha marret għall-agħar u bilkemm kienet tisma' u tagħraf lil qrabatha[10], u ngħatat il-Griżma tal-Morda aktar minn darba kemm damet rikoverata[11]. Fl-aħħar żmien kienet waqfet titkellem u tiekol biss ikel magħsur jew f'għamla likwida[12]. Meta ddaħħlet fir-Residenza San Vinċenz, kien sarilha "*mental score test*" li ma kienx komplut imma li minnu Hayman irreġistrat riżultat ta' tliet tweġibiet minn sebgħa magħmula lilha (l-eżami kollu normalment ikun fih għaxar mistoqsijiet)[13] minn tabib;

"Illi f'Lulju tal-1999, l-atturi fetħu din il-kawża;

---

[5] Affidavit tal-imħarrek William Hayman 1.4.2004, f'paġ. 103 tal-proċess
[6] Dok "B", f'paġġ. 6 – 8 tal-atti tal-kawża 1664/99JRM
[7] Dok "Ċ", f'paġġ. 9 sa 11 tal-atti tal-kawża 1664/99JRM
[8] Affidavit tal-attriċi 30.1.2001, f'paġ. 34 tal-proċess
[9] Affidavit tal-imħarrek William Hayman 1.4.2004, f'paġ. 105 tal-proċess
[10] Affidavit ta' Joanna Abugrin 6.2.2001, f'paġ. 39 tal-proċess
[11] Affidavit tal-attur 23.1.2001, f'paġ. 32 tal-proċess
[12] Affidavit ta' Lily Hayman 6.2.2001, f'paġ. 36 tal-proċess
[13] Xhieda ta' Dr. Stephanie Dalli 9.11.2001, f'paġġ. 58 – 9 tal-proċess

"Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' natura legali marbutin mal-każ tal-lum, din il-Qorti trid toqgħod fuq dak li tinbena fuqu l-azzjoni attriċi. F'din il-kawża, l-atturi jqisu li l-aħħar testment ta' Maria Carmela Hayman ma jiswiex għaliex kien ir-riżultat ta' pressjoni li huma jgħidu li saret mill-imħarrkin jew min minnhom b'mod li r-rieda tat-testatriċi ma kinitx dik li toħroġ mill-imsemmi testment;

"Illi għalhekk, il-kwestjoni legali ewlenija m'hijiex dwar jekk Maria Carmela Hayman kinitx f'qagħda mentali li tagħmel testment, imma jekk ir-rieda tagħha meta għamlet l-aħħar testment kinitx suġġetta għal pressjoni magħmula minn ħaddieħor u mhux ir-riżultat tar-rieda ħielsa tagħha. Dan qiegħed jingħad għaliex, ladarba l-atturi għażlu li jibnu l-azzjoni tagħhom fuq il-kawżali tal-vizzju tal-kunsens minħabba r-rieda mġegħela tat-testatriċi, ifisser li huma impliċitament jaċċettaw li l-imsemmija testatriċi kellha l-kapaċita' li tagħmel testment. L-impunjazzjoni ta' testment fuq il-kawżali tal-pressjoni jew vjolenza fuq ir-rieda tat-testatur m'hijiex kompatibbli mal-impunjazzjoni ta' testment fuq il-kawżali tal-inkapaċita' mentali tal-persuna li tagħmel testment[14]. Naturalment, il-ħila jew kapaċita' mentali ta' persuna li tagħmel testment tista' titfa' dawl fuq il-kwalta' ta' ħażen li jinqeda bih ħaddieħor biex iwebbilha tagħmel testment;

"Illi meta wieħed jitkellem dwar pressjoni jew vjolenza fuq il-kunsens ta' persuna fil-każ ta' testment, ikun qiegħed jitkellem dwar l-istess raġuni li s-soltu twaqqa' kull rabta kuntrattwali oħra magħmula *inter vivos*[15]. Fil-każ ta' testment, iżda, l-liġi tissanzjona lil min ikun ġiegħel persuna biex tagħmel testment jew li tagħmlu mhux skond ir-rieda ħielsa tagħha billi ġġib lil dik il-persuna bħala waħda li ma jistħoqqilhiex li tiret lit-testatur li jkun[16];

"Illi l-atturi jitkellmu dwar pressjoni li saret fuq it-testatriċi li ħassret il-kunsens tagħha. Madankollu, l-Qorti tara li, jekk wieħed jifli sewwa x-xhieda mressqa minnhom, jidher li ikkonċentraw fuq il-kwestjoni dwar jekk Maria Carmela Hayman kinitx f'qagħda fiżika-mentali li tagħmel testment. Il-Qorti ma tistax titbiegħed mill-kawżali tal-Att taċ-Ċitazzjoni hi u tqis is-siwi tal-azzjoni attriċi, għaliex inkella tkun qiegħda tmur lil hinn minn dak minnha mitlub;

[14] App. Ċiv. **28.5.1926** fil-kawża fl-ismijiet ***D'Anastas utrinque*** (Kollez. Vol: **XXVI.i.498**)
[15] Artt. 974 u 977 tal-Kap 16
[16] Art. 605(1)(ċ) tal-Kap 16

"Illi fil-każ ta' vjolenza li twassal għal tħassir ta' testment jingħad li "*non si esige un timore capace di influire sopra un uomo vigoroso; basta che i fatti sieno tali da poterne dedurre che il testatore non abbia disposto di sua piena volonta`, o che la violenza produsse un costringimento capace di obbligare il testatore a fare quello che non avrebbe voluto*" [17];

"Illi huwa miżmum li biex l-għamil qarrieq ikun mottiv ta' nullita' irid jintwera li l-qerq użat ikun tali li, mingħajru, it-testatur ma kienx jagħmel id-dispożizzjonijiet testamentarji li fil-fatt għamel. Il-fatt waħdu li testatur jiddisponi f'testment b'mod li joqgħod għax-xewqa ta' persuna oħra u biex jikkuntentaha ma tqiesx bħala biżżejjed biex jista' jingħad li tali testment huwa frott il-qerq. Għaliex biex l-impunjattiva tirnexxi jeħtieġ jirriżulta li r-rieda tat-testatur ġiet imdawra minħabba tali qerq u li t-testatur ma kienx jiddisponi kif iddispona li kieku ma kienx għall-qerq li twettaq fuqu[18];

"Illi, minkejja l-kawżali magħżula minnhom, l-atturi jibni l-każ tagħhom kollu fuq allegazzjoni li l-aħħar t-testment ta' Maria Carmela Hayman sar bla ma hija kienet f'qagħda li tintebah li dak il-ħin kienet qiegħda tagħmel testment. Biex isaħħu din il-fehma tagħhom, xehdu (u magħhom fl-istess sens uliedhom u xi qraba ta' dawn) li kemm damet rikoverata fid-Dar San Vinċenz de Paule, it-testatriċi kienet fi stat kważi-veġetativ u ċċassata fejn la kienet tisma', tagħraf u titħarrek minn jeddha mis-sodda li kienet fiha. Dan jikkontrasta għal kollox mal-istampa li jpinġu l-imħarrkin ta' persuna li kienet issegwi kulma jsir madwarha, tiekol kulma jitressaq quddiemha, titniżżel mis-sodda u tinħareġ u tiddawwar mal-ambjenti tad-Dar u tagħraf (sal-aħħar jiem ta' ħajjitha) lil kull min imur jaraha. Sadattant, iż-żewġ partijiet huma konvinti li qegħdin jitkellmu u jixhdu dwar l-istess persuna. Mill-provi li kellha għad-dispożizzjoni tagħha – magħdud *video casette* u *compact disc* ta' xi okkażjonijiet f'ħajjet it-testatriċi – setgħet tara b'xi mod "ħaj" il-qagħda tat-testatriċi li turi ċerta dgħufija li wieħed jistenna li jara f'persuna tal-eta' tagħha;

[17] Laurent *Principii di Diritto Civile* (Vallardi Editore, 1881) Vol VIII, Cap. V, sez. IV, nn 4 e 2

[18] App. Ċiv. **15.2.1957** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Cachia et*** (Kollez. Vol: **XLI.i.83**)

"Illi l-Qorti tistenna li l-partijiet iġibu rwieħhom b'dan il-mod, l-iżjed meta wieħed jara dan il-każ fil-qafas tal-kwestjonijiet jaħarqu li kienu nibtu bejn iż-żewġ naħat tul iż-żmien u li xegħlu bit-teħid ta' proċeduri reċiproċi fil-Qrati, kif tixhed il-kawża li kienet miexja flimkien ma' din. Temmen, fl-aħħar analiżi, li kull verżjoni jkollha xi ftit mis-sewwa u xi ftit li jkun imżewwaq. Tifhem ukoll li n-nuqqas ta' qbil fl-apprezzament tal-fatti kif jarawhom il-partijiet huwa ċirkostanza li tiġri f'każijiet bħal dawn bħalma sseħħ f'bosta każijiet oħrajn, iżda b'daqshekk, ma jwassalx lill-Qorti biex tieqaf mit-tiftix tagħha biex tara fejn huwa s-sewwa u kif dan joħroġ mill-provi li jitressqu quddiemha. Għalhekk, il-Qorti trid tfittex is-sewwa minn għejjun ta' prova oħra, kemm jista' jkun mhux marbuta b'xi interess minn xi waħda mill-partijiet;

"Illi f'dan ir-rigward ingħad li l-fatt li persuna terġa' taħsibha wara li tkun għamlet testment u turi x-xewqa li trid tibdel dak li għamlet ma jfissirx b'daqshekk li dik il-persuna ma hijiex f'qagħda li turi fehma ġdida jew li dik il-fehma ġdida hija tabilfors ir-riżultat ta' pressjoni li jagħmel ħaddieħor fuqha[19];

"Illi mbagħad hemm il-kwestjoni tal-grad tal-prova li jrid jintlaħaq biex iwassal għall-konvinċiment li, minn dak li jidher, il-mejta kienet tassew ġiet imġegħla jew imħajra b'qerq tersaq biex tagħmel it-testment. Dawn il-provi riedu wkoll jintrabtu mal-waqt li kien qiegħed isir it-testment minnhom attakkat u mhux minn ċirkostanzi li jkunu dehru fi żminijiet oħrajn, qabel jew wara l-fatt[20];

"Illi fis-sottomissjonijiet magħmula mill-għaref difensur tal-atturi waqt it-trattazzjoni tal-għeluq tal-każ, issemmew żewġ ċirkostanzi li, skond l-atturi, jixhdu li sar qerq fuq it-testatriċi. L-ewwel waħda hi l-fatt li l-imħarrka Anġela Montebello nnifisha stqarret li riedet 'l ommha tagħmel testment wara li kienet għamlet tiftix u irriżultalha li tassew li ommha kienet għamlet testmenti oħrajn minbarra dak li kienet għamlet ma' żewġha *unica charta.* It-tieni raġuni hi li, bil-mod kif Maria Carmela Hayman għamlet l-aħħar testment, sehem l-attur naqas u dan juri l-qerq li sar bi ħsara għalih u bħala effett ta' dak it-testment. Il-Qorti, bir-rispett, ma tqisx li xi waħda minn dawn iż-żewġ raġunijiet twassal għall-prova u l-konvinċiment li t-testament li għamlet id-*decuius* kien il-frott ta' qerq eżerċitat fuqha. Kif ingħad qabel, sakemm persuna għadha

[19] App. Ċiv. **2.3.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Victoria Xuereb vs Joseph Refalo et***
[20] P.A. **8.3.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Giordano et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.404**)

ħajja u kapaċi, għandha l-jedd li tagħmel b'ġidha kulma tħalliha tagħmel il-liġi. Il-fatt li persuna tintlaqat ħażin b'bidla f'testment, ma jfissirx li dak it-testment ikun sar taħt l-influwenza tal-qerq jew bil-kunsens vizzjat. Bħalma ċ-ċirkostanzi tal-ħajja jinbidlu mal-medda taż-żmien hekk ukoll ir-rieda tal-bniedem li, meta jara l-affarijiet kif tassew ikunu, jista' jisgħob bih b'li jkun għamel qabel jew jagħmel xi ħaġa biex tkun tirrifletti aktar dak li ġara wara. L-ebda waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi ma tixhed vjolenza tal-kunsens. L-istess għaref difensur isemmi wkoll nuqqasijiet fit-testment, bħal, per eżempju, żball fin-numru tal-Karta tal-Identita' tat-testatriċi u isimha. Ladarba l-kawżali tal-azzjoni attriċi jitkellmu biss dwar il-vjolenza u l-vizzju tal-kunsens tat-testatriċi, dawn is-sottomissjonijiet ma jistgħux jitqiesu f'din l-istanza, kif sewwa argumenta l-għaref difensur tal-imħarrkin;

"Illi, fil-fehma tal-Qorti, l-atturi ma waslux għal dan il-grad ta' prova li juru li, dak inhar li għamlet l-aħħar testment tagħha, Maria Carmela Hayman kienet fi stat tal-moħħ li ġegħelha tagħmel xi ħaġa li ma riditx jew li għamlet xi ħaġa li, kieku ma kienx għat-tħajjir li sarilha, kienet tagħmilha mod ieħor. Id-dgħufija fiżika tagħha u ż-żmien tagħha meta sar it-testment ma ntwerewx li kienu tali li ħolqulha impediment biex tfisser ir-rieda u x-xewqa tagħha jew li tirreżisti għal xi suġġeriment, talba jew saħansitra theddida li seta' għamililha xi ħadd biex terġa' tibdel il-fehma tagħha. Għall-kuntrarju, bil-mod kif l-atturi ressqu x-xhieda tagħhom – jekk kellha titwemmen – għandu jirriżulta li fil-qagħda li kienet Maria Carmela Hayman lanqas biss kienet f'qagħda li tirreaġixxi għal imġiba bħal dik minn terzi, aħseb u ara kemm tħossha mhedda;

"Illi, minbarra dan, l-atturi ma wrewx min kien li, fil-fehma tgħhom, wettaq dik il-pressjoni jew vjolenza fuq Maria Carmela Hayman. Allegazzjoni serja ta' qerq magħmul fuq persuna ma ssirx fatt pruvat għar-raġuni sempliċi li persuna tkun bidlet it-testment tagħha. Huwa minnu li l-imħarrkin Doris Montebello Hayman u Emanuela Psaila kienu marru flimkien man-Nutar fid-Dar tax-Xjuħ, iżda xehdu li ma kinux qagħdu fil-kamra fej kien qiegħed isir it-testment u warrbu 'l bogħod minn hemm[21], u kif ukoll li kienet l-istess ommhom li, sa minn meta kienet għadha rikoverata fl-isptar San Luqa, kienet talbet għal darba tnejn biex joħdulha nutar ħalli tagħmel testment[22]. Dawn iċ-ċirkostanzi ma jwasslux lill-Qorti biex taqbel mal-atturi li dak il-ħin it-testatriċi kienet

[21] Xhieda ta' Emanuela Psaila 13.10.2005, f'paġġ. 166 – 7 tal-atti tal-kawża 1664/99JRM
[22] Xhieda tal-imħarrka Doris Hayman 19.1.2006, f'paġ. 190 tal-proċess

mhedda jew intlagħbet b'xi qerq biex tagħmel it-testment mod ieħor milli kif riedet tagħmlu;

"Illi b'żieda ma' dan il-Qorti ddur fuq ix-xhieda tal-psikjatra li raha dak inhar li għamlet it-testment u ċ-ċertifikat li ħalla meta irreġistra li "*she is fully conscious, orientated to place and person, but is not sure of the date, however she knows it is Monday and November. She recalls correctly that her husband is dead and that she has seven children whom she named in order of birth. She wishes to make a will dividing her property equally amongst all her children. She possesses testamentary capacity*"[23]. Minbarra dan il-kliem ċar u rilevanti magħmul dak inhar li sar it-testment attakkat, il-psikjatra xehed ukoll li t-testatriċi tkelmet miegħu u meta deher qarib tagħha hu u jeżaminaha għarfitu. Qal ukoll li ma sarilha l-ebda ndħil sakemm kien qiegħed jeżaminaha[24]. L-atturi ma nqdewx bil-fakulta' li jagħmlu l-kontro-eżami tal-imsemmi xhud;

"Illi huwa minnu li l-atturi ressqu b'xhud tagħhom it-tobba li raw lil Maria Carmela Hayman minn x'ħin iddaħħlet fir-Residenza San Vinċenz de Paule sa dak inhar li ċċertifikawha mejta. Minn din ix-xhieda ħareġ li, meta sarilha l-"*mini mental score test*", bosta mistoqsijiet li sarulha ma kinitx f'qagħda li tweġibhom[25]. Ħafna mill-mistoqsijiet kienu wkoll sempliċi. Iżda l-istess xhieda ma eskludewx tabilfors li Hayman setgħet turi r-rieda tagħha, u qalu li dak ir-riżultat seta' kien effett ta' I.Q. baxx jew ta' dipressjoni. Il-Qorti tqis li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ ipoteżi ma tissarraf fi stat ta' inkapaċita' mentali biex wieħed jersaq ħalli jagħmel testment u juri r-rieda tiegħu għalhekk. Minbarra dan, jirriżulta wkoll mill-istess xhud li fil-*file* tal-anzjana ma kien hemm l-ebda notament li jixhed li kienet konfuża, aggressiva jew mentalment instabbli b'mod li nħasset il-ħtieġa li tittieħed konsulta psikjatrika[26];

"Illi meta mbagħad wieħed jara x'jgħid l-aħħar testment ta' Maria Carmela Hayman, wieħed isib li kien jaqbel sewwa mad-dikjarazzjoni li hija għamlet lill-psikjatra li raha sewwasew qabel resqet għall-pubblikazzjoni tiegħu. Huwa testment indikattiv ta' dispożizzjoni fejn it-testatriċi ħalliet lil uliedha kollha werrieta tagħha ndaqs bla ebda preferenzi. Din ir-rieda wieħed jista' bla xkiel ta' xejn iqisha bħala

[23] Paġ. 8 tal-proċess
[24] Xhieda ta' Dr. Peter Muscat 26.2.2002, f'paġġ. 124 – 5 tal-atti tal-kawża 1664/99JRM
[25] Xhieda ta' Dr. Ronald Fiorentino 28.1.2002, f'paġġ. 74 – 6 tal-proċess
[26] Xhieda ta' Dr. Stephanie Dalli 9.11.2001, f'paġ. 55 tal-proċess

waħda raġonevoli għal min ikun jixtieq iħalli kollox kemm jista' jkun indaqs u bla ma jħalli aktar inkwiet[27]. Huwa fatt ukoll (rilevat mhux mingħajr raġuni mill-għaref difensur tal-imħarrkin waqt it-trattazzjoni tal-għeluq) li l-atturi lanqas ma ressqu b'xhud lin-Nutar li ippubblika t-testment attakkat. Minbarra dan, jirriżulta li wieħed miż-żewġ xiehda tal-istess testment kien Nutar Pubbliku ieħor. Il-Qorti ma jidhrilhiex li tkun qiegħda tagħmel assunzjoni fiergħa meta tgħid li dawk iż-żewġ uffiċjali pubbliċi kienu garanzija li dak li kien qiegħed isir hu u jintgħamel it-testment kien mera ta' dak li tassew riedet il-parti li kienet qiegħda tagħmel dak l-att pubbliku u li ma kinux komparteċipi f'imġiba li tmur kontra l-liġi u ġġib magħha sanzjonijiet mhux żgħar;

"Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet kollha u tal-fatti li ħarġu mill-atti, l-Qorti ssib li ma ntweriex li dak il-ħin li Maria Carmela Hayman għamlet l-aħħar testment tagħha, ir-rieda tagħha kienet karpita minn vizzju li żammha milli tagħmel testment li jiswa u milli tgħid fih dak li riedet tagħmel bla ndħil. Għalhekk, filwaqt li sejra tilqa' t-tieni eċċezzjoni tal-imħarrkin uliedha, sejra tiċħad it-talba attriċi fuq nuqqas ta' prova tajba;

Illi għal dak li jirrigwarda **l-ewwel eċċezzjoni preliminari**, fid-dawl tal-fehma li waslet għaliha l-Qorti dwar it-talba fil-mertu, m'huwuex meħtieġ li tqis jekk l-attriċi Monica Hayman għandhiex interess ġuridiku li tkun fil-kawża;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-atturi li permezz tieghu talbu t-thassir u r-revoka tas-sentenza msemmija u li l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u tilqa' t-talbiet taghhom;

Rat ir-risposta tal-konvenuti appellati li permezz taghha talbu il-konferma tas-sentenza in kwistjoni;

[27] App. Ċiv. **22.5.1931** fil-kawża fl-ismijiet ***Tirchett vs Manġion*** (Kollez. Vol: **XXVIII.i.74**)

Rat il-verbal tas-seduta tat-18 ta' Novembru 2014 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi l-fatti li taw lok ghall-kawza huma spjegati fid-dettal fl-atti imsemmija u fid-decizjoni tal-ewwel Qorti u ma hemmx lok li wiehed joqghod jirrepetihom fit-tul. Il-kawza ticcentra dwar il-validita` o meno tat-testment ta' omm il-kontendenti ahwa Hayman.

**AGGRAVJI TAL-APPELLANTI**

L-aggravji tal-konvenuta appellanti huma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u wkoll li applikat il-ligi tal-procedura b'mod

zbaljat meta fi kliemhom '*ippretendiet grad ta' prova li jmur oltre dak rikjest fil-kamp civili meta mill-assjem tal-provi kien car illi kien hemm bizzejjed cirkostanzi biex ikollu certezza morali f'mohh il-gudikant li l-ahhar testment tal-mejta ma kienx jirrispekkja l-volonta` reali taghha u kien frott biss ta' ingann jew pressjoni da parti tal-intimati'*.

Ghandu jinghad qabel xejn li din il-Qorti ghal diversi drabi enfasizzat li fl-istadju tal-appell il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti li jkollha l-opportunita` illi tisma' l-provi u allura tmur lill-hin mill-qari tad-disposizzjonijiet biex taghmel dak l-apprezzament u tiddeciedi skont il-konvizjoni taghha fir-rigward.

Wiehed jista' jiccita diversi sentenzi f'dan is-sens; per ezempju fil kawza fl-ismijiet **Vella vs Tabone** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' Ottubru 2002 fejn intqal illi l-Qorti tal-Appell tiddisturba l-apprezzamenti fattwali tal-ewwel Qorti biss *ghal ragunijiet serjissimi u dan biex tikkoregi zball manifest li jekk ma jigix tempestivament korrett ikun sejjer jikkawza ingustizzja cara.*

Sentenzi ohra f'dan is-sens huwa dawk ta' din il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Phylis Ebejer v. Joseph Aquilina** (10 ta' Jannar 1995) illi qalet li '*il-Qorti tal-Appell tiddisturba biss id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti*

*f'kazijiet eccezzjonali meta si tratta ta' valutazzjoni ta' fatti'.* Imbaghad fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Cini v. George Wells** (15 ta' Novembru 2004) l-istess Qorti qalet li '*Huwa principju bazilari segwit minn din il-Qorti ta' revizjoni li fejn si tratta ta' apprezzament u evalwazzjoni ta' provi ta' fatt din il-Qorti qatt ma tiddisturba leggerment apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji bizzejjed li jissugerixxu mod iehor'.*

Dan l-insenjament huwa segwit f'diversi sentenzi ohra bhal **Emanuel Cardona v. Dr Graham Busuttil,** Appell, 10 ta' Jannar 1995 u **Paul Formosa v. Salvu Debono**, Appell 5 ta' Ottubru 2001.

Madankollu naturalment ukoll, din il-Qorti kif doveruz ( vide **Attard et v. Direttur tas Sahha,** Qorti tal-Appell, 31 ta' Mejju 2014) f'kull kaz tapprezza wkoll *li 'd dover taghha xorta huwa li tezamina sewwa l-provi imressqa u barra minn hekk, huwa ukoll importanti li l-istess provi u l-konkluzjonijiet ta' kif graw il-fatti in kwistjoni jigu evalwati sewwa u interpretati skont il-ligijiet taghna u l-gurisprudenza l-aktar ricenti u kostanti fil-materja*.

Kif wiehed jista' jara mill-atti tal-kawza hemm provi konfliggenti dwar sija l-istat mentali tal-mejta fix-xhur qabel it-testment in kwistjoni u dwar jekk saritx

pressjoni indebita fuqha b'mod li kellha taghmlu kontra l-volonta` taghha jekk fuq kollox kienet fi stat mentali li jkollha volonta` taghha. Dan iwassal ghall-aggravju l-iehor u wiehed jista' jara mill-ewwel li z-zewg aggravji huma intimament relatati. Kif sewwa qalet l-ewwel Qorti l-atturi jsostnu li t-testatrici kienet fi stat 'kwazi vegettattiv' u allura qatt ma setghet tkun f'kondizzjoni li taghmel testment; da parti taghhom il konvenuti jichdu dan u jsostnu li hija kienet tiekol, titnizzel mis-sodda u anke taghraf lil kulhadd fiz-zmien li sar it-testment.

F'gudizzju civili il-Qorti trid tiddeciedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* (**Zammit v. Petroccochino**, Appell Kummercjali, 25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jehtieg li tara jekk verzjoni wahda teskludix lill-ohra fuq bilanc ta' probabiltajiet; *b'hekk jigi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubbju u ssib refugju mir-regola 'in dubio pro reo'* – **Enrico Camilleri v. Martin Borg**, (Appell Inferjuri, 17 ta' Marzu 2003).

Din il-Qorti kif doveruz, ezaminat l-atti u fliet sewwa l-provi li ngabru u jidhrilha li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni gusta fl-evalwazzjoni tal-provi li semghet. Certament ma irrizultawx lil din il-Qorti *ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubbju ragonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti* (**Formosa v. Debono – supra**). Kif qalet din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **Elena Mallia et v. Charles Sant Fournier et** (deciza fit-28 ta' Frar

2014) *fil-kamp civili ghal dak li hu l-apprezzament tal-provi il-kriterju mhux dak jekk il-gudikant jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex fic cirkostanzi zvarjati tal-hajja verosimili. Dan fuq bilanc ta' probabilitajiet, sostratt baziku tal-azzjoni civili in kwantu dawn, mal-preponderenza tal-provi generalment bastanti ghall konvinciment. Ghax kif pacifikmanet maghruf ic-certezza morali hi indotta mill-preponderanza tal-probabiltajjiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubbju ragonevoli.* (**Bugeja v. Meilak**, deciza 30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili).

F'kawza bhal dik odjerna allura, l-atturi kellhom jippruvaw u jikkonvincu lill-Qorti illi l-kunsens tal-mejta kien, kif qalu huma fic-citazzjoni "ma jiswiex ghaliex il-kunsens taghha ma kienx tajjeb u ma jurix tassew l-ahhar volonta` taghha". Allura l-azzjoni taghhom tista' tirnexxi jekk jigi pruvat li l-mejta ma kienitx kapaci li **tifhem jew li jkollha volonta`** skont l-Artiklu 597 tal-Kap. 16; inkella li l-kunsens li tat ma kienx jiswa ghaliex kien mehud jew bi **vjolenza** jew b'**ghemil doluz** (Artiklu 974 tal-Kodici Civili); f'kaz ta' testment ma tantx jista' jigi applikat il-kawza l-ohra tal-invalidita` tal-kunsens, ossija l-izball, hlief f'cirkostanzi tant eccezjonali li jirrazentaw l-inverosimili u f'kull kaz zgur mhux applikabbli ghall-kaz li l-Qorti ghandha quddiemha. Fuq dan l-aspett l-abbli difensur tal-appellati argumenta li dawn il-kawzali (li m'humiex imsemmija fic-citazzjoni) huma piu` o meno kontradittorji mehudin flimkien ghaliex persuna jista' jkollha l-fakolta` li trid jew ma jkollhiex; u jekk ma jkollhiex kif qed jallegaw

l-appellanti, ma tistax tigi influwenzata biex tiddikjara xi haga li ma tridx. Madankollu l-Qorti xorta wahda se tezamina z-zewg possibiltajiet.

Rigward l-ewwel possibilita` din il-Qorti taqbel pjenament mal-ewwel Qorti li l-mejta kellha **kapacita` li tifhem u li jkollha volonta`** u fuq dan l-aspett ghandha l-komfort tar-rapport car li irrediga Dottor Peter Muscat u li gie anness mat-testment in kwistjoni. Ix-xhieda (wiehed minnhom Nutar ukoll) ma gewx imtella' jixhdu u allura wiehed jifhem li kemm in-Nutar illi ippubblika t-testment (li wkoll ma ttellghax jixhed) u kemm ix xhieda imsemmija ma kienux se jkunu kompartecipi ta' sitwazzjoni daqstant serja kif allegata mill-appellanti. Il-fatt li l-mejta ghamlet l-ahhar testment taghha – cioe` dak li l-appellanti qed jitolbu n-nullita` tieghu – ftit gimghat qabel ma mietet ma jfissirx li hija kienet nieqsa minn din il-fakolta`.

Ghandu jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Galea et v. Maria Camilleri** (deciza fl-**1 ta' Lulju 2005**) din il-Qorti elenkat l-principji legali stabbiliti mill-gurisprudenza taghna fir-rigward;

> *1. Il-kapacita` li wiehed jiddisponi minn hwejjgu b testment hija presunta;*
>
> *2. Biex wiehed jiddisponi bi hwejjgu mhijiex mehtiega 'una mente perfettamente e rigorosament sana ma basta quel limitato uso della*

*ragione che permette la coscienza di cio che si fa”.. (**Farrugia utrimque, Appell, 22 ta’ Novembru 2002**);*

*3. Illi l-prova tal-inkapacita` tispetta lil min jallegaha, Tale prova trid tkun ‘piena e rigorosa talmente da accertare che il disponente quando testava non aveva coscienza dell’ atto che compiva, ne’ volonta` propria’.*

*4. Fattur determianti sabiex tigi stabbilita’ s sanita’ mentali hija r ragonevolezza tad disposizzjonijiet kontenuti fit testment. Ghandhom ukoll rilevanza qawwija d-deposizjonijiet ta’ nies professjonali bhal tabib kuranti tat-testatrici u n nutar li jikkonfezzjona t testment dwar l istat u l-komportament tat-testatrici fiz zmien rilevanti.*

Fuq dan l-ahhar punt ghandu jinghad li certament ma hemm xejn insolitu li persuna li ghandha l-ulied thallihom werrieta indaqs kif ghamlet il-mejta f’dan il-kaz.

Ghalhekk jibqa’ x’jigi investigat jekk il-kunsens ta’ Maria Carmela Hayman giex karpit bil-**qerq** jew **vjolenza**.

Fil-kawza fl-ismijiet **Vincent Cachia vs Emanuel Cachia** deciza minn din il-Qorti fil-**15 ta’ Frar 1957**, wiehed isib spjegazzjoni dettaljata ta’ x’ried ifisser il-legislatur f’dan l-ambitu b’riferenza specjali ghall-**qerq**. Skont il-Qorti dan jikkonsisti f’*dawk il-maniggi frawdolenti li bihom jigi imqarraq it-testatur u bihom tigi karpita disposizzjoni trestamentarja illi diversament huwa ma kienx jaghmel....biex iwassal ghall-vizju tal-qerq u tan-nullita` relattiva tad-*

*disposizzjoni testamentarja il-qerq irid ikun ingust gravi u determinanti.* Il-Qorti ziedet tghid illi *kull kura, zeghil, attenzjoni, suggerimenti, insistenzi li ma jkunux akkumpanjati minn 'mala arte', minn artifizi ripremevoli, ma jikkostitwixixi il-qerq.* Wiehed ma jsib <u>ebda prova</u> fl-atti tal-kawza li saru xi maniggi bhal dawk spjegati minn din is-sentenza. Dan japplika bl-istess mod ghall-allegazzjoni ta' vjolenza, konsistenti fl-allegata pressjoni, li dwarha din il-Qorti taqbel mad-deliberazzjonijiet tal-ewwel Qorti ghall-istess ragunijiet. Kien jispetta naturalment anke hawn lill-appellanti bhala atturi li jressqu provi f'dan ir-rigward - **"*Onus probandi incumbit qui dicit non ei qui negat'*** kif jghid car u tond l-Artiklu 562 tal-Kodici tal-Procedura u kif gie ripetut diversi drabi f'diversi sentenzi (**Dr H Lenicker v. J Camilleri**, Prim' Awla 31 ta' Mejju 1972 u **Peter Paul Aquilina v. Paul Vella**, Appell Inferjuri, 2 ta' Mejju 1995).

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma interament is-sentenza appellata; l-ispejjez tal-appell ukoll a kariku tal-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------